MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2015

Mandat Numru. 1037/2015/1

Avukat Dottor Reuben **FARRUĠIA**

vs

**KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-Kunsill Lokali

intimat milli "huma, jew persuni inkarigati minnhom, jixgħelu, iqabbdu u/jew jagħmlu funzjonanti d-dawl ossija fanal tat-triq ta' kulur iswed u li jixgħel b'dawl abjad installat riċentement fin-naħa ta' ġewwa ta' Sqaq Numru 1, fi Triq il-Kbira, Balzan";

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2015, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-Kunsill intimat bi żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-22 ta' Lulju, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kunsill intimat fis-7 ta' Lulju, 2015, li biha laqa' għat-talba tar-rikorrent billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li t-talba mhijiex mistħoqqa. Huwa jisħaq li d-dawl li minnu jilminta r-rikorrent huwa parti minn proġett imniedi minnu wara sejħa għall-offerti maħsub biex idawwal aħjar it-toroq tal-lokalita', joffri iżjed sigurta' lir-residenti tal-inħawi milquta b'dan is-sistema ġdid, u jiffranka n-nefqa li n-nies ikollha tagħmel wara bwiebha li kieku jibqa' jintuża s-sistema ta' dawl pubbliku li nbidel. Saħaq li mhuwiex fi ħsiebu jissospendi dan is-sistema l-ġdid, għalkemm lest li jilqa' l-ilmenti tar-residenti. Qal li daħal għal dan il-proġett fl-interess tar-residenti kollha tal-lokal u dawn l-interessi jegħlbu dawk ta' individwi. Temm jgħid li l-ħsara li jġarrab il-Kunsill tkun akbar li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat milli kieku jġarrab ir-rikorrent li kieku t-talba tiegħu ma tintlaqax;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2015, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent joqgħod f'dar li tinsab f'numru 56, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, kantuniera ma' Sqaq Numru 1 fl-istess triq;

Tqis li fl-imsemmi sqaq jgħixu ħames familji oħrajn;

Tqis li, fl-aħħar xhur, il-Kunsill Lokali intimat nieda proġett ta' tibdil tad-dwal tat-toroq tal-lokalita' b'fanali tal-istess għamla u daqs u b'sistema ġdid ta' dwal, u bidilhom minflok il-fanali li kienu jinxtegħlu qabel b'sistema ieħor ta' dwal;

Tqis li r-rikorrent jilminta minn fanal imwaħħal fl-imsemmi Sqaq għaliex id-dawl li jarmi jidħol f'ambjenti tad-dar tiegħu (magħduda l-kamra tas-sodda ta' wliedu) u jtellifhom milli jistgħu jgawdu l-istess ambjenti tad-dar bla xkiel;
Tqis li wara li l-Kunsill stalla l-imsemmija fanali u xegħelhom, ir-rikorrent kien ilmenta miegħu dwar dan il-ksur ta' privatezza u l-fanal partikolari ntefa, u nżamm jinxtegħel il-fanal il-qadim. Jidher ukoll li l-fanal il-ġdid tbaxxa bil-ħsieb li ma jibqax jidħol id-dawl tiegħu direttament fid-dar tar-rikorrent;

Tqis li l-istallazzjoni u ż-żamma ta' sistemi ta' tidwil fil-lokalitajiet taqa' bil-liġi fis-setgħat tal-Kunsill intimat li huwa marbut li jara li kull sistema ta' dwal pubbliċi għandu jkun jaqbel mal-"livelli, speċifikazzjonijiet, metodi tax-xogħol u proċeduri stabiliti bil-pubblikazzjoni '*Street Lighting Devolution Manual*'"[1];

Tqis ukoll li l-għan ta' sistema ta' tidwil pubbliku huwa dak li jdawwal l-ambjenti pubbliċi u mhux ukoll l-ambjenti privati tan-nies;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[2];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[3]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa

---

[1] Reg 3 tal-A.L. 114 tal-2002 (L.S. 363.91)
[2] Art. 873(1) tal-Kap 12
[3] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[4];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[5]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent igawdi huwa dak li jista' jgħix f'daru (hu u l-familja tiegħu) u ma jkunux esposti għall-ksur tal-mistrieħ u t-tgawdija ta' ħwejjiġhom;

Tqis li l-Kunsill intimat ma jiċħadx dan il-jedd, imma jgħid li dan il-proġett tiegħu huwa ta' fejda għall-komunita' kollha ta' dawk li joqogħdu fil-lokalita' u dan jirbaħ fuq l-iskomdu li jista' jġarrab l-individwu;

Tqis li r-rikorrenti jilminta biss mill-fanal imqiegħed fl-imsemmi Sqaq u mhux kontra s-sistema mniedi mill-Kunsill: kemm hu hekk, jilminta mid-daqs tal-fanal meta wieħed iqis id-djuq tal-isqaq li twaħħal fih u li l-fanali kollha fil-proġett huma ta' daqs wieħed, wesgħin kemm huma wesgħin it-toroq li twaħħlu fihom;

Tqis li, bla ma tidħol fil-konsiderazzjonijiet tat-teknikalita' tan-natura tad-dawl użat, ir-rikorrent tabilħaqq igawdi mill-jedd tat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu u li d-dħul fi ħwejġu għal sigħat twal ta' leħħa qawwija mis-sistema ta' dawl pubbliku jikser l-istess tgawdija;

Tqis għalhekk li l-ewwel element għall-ħruġ tal-Mandat jinsab ippruvat tajjeb biżżejjed;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-

[4] Art. 875(3) tal-Kap 12
[5] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[6] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-Kunsill intimat iddikjara li huwa bi ħsiebu jibqa' għaddej bil-ħsieb tiegħu li jixgħel il-fanal il-ġdid imqiegħed fl-isqaq u għalhekk, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kap 12, dan l-element jirriżulta ippruvat ukoll;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor;

Tqis li fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent, l-inkonvenjent li hu jgħid li sejjer iġarrab u li jrid li jitneħħa huwa minnu nnifsu ħsara irriversibbli li titlob ħarsien b'mezzi straordinarji bħalma huwa l-ħruġ tal-Mandat mitlub. Fuq kollox, huwa ħsara akbar minn dak li jġarrab il-Kunsill intimat li kieku t-talba tar-rikorrent tintlaqa'. Għalkemm ir-rikorrent isemmi l-kwestjoni tat-tnaqqis tal-valur tal-post tiegħu, il-Qorti mhijiex tqis il-kwestjoni tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat fuq dan l-argument, għaliex huwa magħruf li kwestjonijiet li jissarrfu f'likwidazzjoni ta' danni jew għandhom xejra ta' rimedju b'kumpens fi flus ma jiġġustifikawx il-ħruġ ta' Mandat bħal dan;

Tqis li b'dan il-provvediment, il-Qorti ma tkunx qiegħda tordna lill-Kunsill intimat milli jneħħi jew iżarma s-sistema kollu ta' dwal ġodda li stalla fil-lokalita', iżda biss it-twaqqif tal-mixegħla tal-fanal partikolari li huwa l-mertu ta' din il-proċedura;

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li dan l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jinsab ippruvat ukoll;

Tqis ukoll li huwa mogħti li l-Qorti bil-liġi toħroġ Mandat taħt ċerti kundizzjonijiet[7]. F'dan il-każ, il-Kunsill intimat ma huwiex qiegħed jinżamm milli jkun f'qagħda li jixgħel il-fanal jekk kemm-il darba jsib

[6] Art. 873(3) tal-Kap 12
[7] Ara P.A. NA **29.2.1996** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Leonard Attard vs John Camilleri et noe*** (Inib. 4049/95)

arranġament tajjeb biżżejjed biex id-dawl li jarmi jdawwal l-isqaq li fih tqiegħed bla ma jitfa’ d-dawl ġod-dar tar-rikorrent ukoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ t-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub billi ntwera li jeżistu l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu; u

**Tordna** li l-Kunsill intimat iħallas **l-ispejjeż** ta’ din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum,  it-Tnejn 27 ta’ Lulju, 2015.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------